MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2012

Appell Civili Numru. 1050/2008/1

**Wara l-Ittra Ufficjali Nru. 115/08**
**tal-14 ta' Jannar 2008,**
**Fl-ismijiet:-**

**Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud.**

**v.**

**Martin Vella f'ismu personali kif ukoll bhala Direttur ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Morina Aqua Sport Limited (C8303).**

**Il-Qorti:**
**Preliminari**

1. Dan hu appell ad istanza tal-Kummissarju tat-Taxxi fuq il-Valur Mizjud minn sentenza moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' April 2009, liema sentenza sejra tigi hawn riprodotta fl-intier taghha ghal intendiment ahjar tal-istess appell:-

**"I. <u>PRELIMINARI.</u>**

"Rat ir-rikors ta' Martin Vella f' ismu personali kif ukoll bhala Direttur ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Morina Aquasport Limited (C 8303) datat 16 ta' Ottubru 2008 a fol. 1 tal-process fejn espona:-

"Illi, fl-ewwel lok jiddikjara, ruhu notifikat bil-mandat ta' sekwestru fl-ismijiet premessi fejn, inhareg fil-konfront tal-esponenti, mandat ta' sekwestru esekuttiv, numru 1405/08, datat 15 ta' Settembru 2008, b'kollox fl-ammont ta' mija u sebgha u ghoxrin elf, hames mija u hamsa u sittin ewro u tnejn u hamsin centezmu (€127,565.52), (Dok "MV 1"), liema mandat huwa msejjes fuq ittra ufficjali numru 115/08, fl-ismijiet premessi (Dok. "MV2").

"Illi, l-imsemmi mandat ta' sekwestru, isegwi Mandat ta' sekwestru esekuttiv iehor, numru 1190/08, fl-istess ismijiet, u ghall-istess ammont, liema mandat, fuq rikors tal-esponenti, permezz ta' provvediment moghti minn din l-Onorabbli Qorti, nhar it-12 ta' Settembru 2008, gie mhassar, u dan a bazi ta' zewg aggravji; (1) in-nuqqas ta' notifika tal-ittra ufficjali, li ggib id-data tal-14 ta' Jannar 2008; u (2) illi dwar l-ammont, reklamat mill-intimat Kummissarju tat-Taxxi fuq il-Valur Mizjud, huwa kontestat fi proceduri ta' Appell, quddiem il-Bord tal-Appelli *ai termini* l-**artikolu 43 et seq tal-Kap 406 tal-Ligijiet ta' Malta** (Dok "MV3").

"Illi, in segwitu, ghall-hrug tal-Mandat ta' sekwestru numru 1190/08, permezz ta' Cedola ta' depositu, nru 961/08, l-HSBC Bank Malta plc, iddepozita, is-somma ta' tmienja u hamsin elf, hames mija u sebgha u tletin ewro, u tmintax-il centezmu, (€58,537.18), fl-atti tal-imsemmi mandat, (Dok"MV 4").

“Illi, wara li l-mandat numru 1190/08, gie mhassar, il-Kummissarju ghat-Taxxa dwar il-Valur Mizjud, ipprezenta l-mandat ta’ sekwestru (numru 1405/08) u nnomina *inter alia*, bhala sekwestrarju lid-Direttur u Registratur tal-Qorti Civili u Tribunali.

“Illi, ghalkemm, irrizulta illi, in-nuqqas ta’ riferta, kien rizultat ta’ zball fil-fotokopja tar-referta li kienet tidher fuq il-kopja tal-ittra ufficjali ezebita mill-intimat, fil-mandat numru 1190/08, xorta wahda, jibqa’ jissussisti l-istess aggravju, peress illi, ghalkemm ir-riferta tindika Martin Vella, notifika nhar it-18 ta’ Jannar 2008, il-*pink card* abbinata mal-istess ittra ufficjali, tindika certa persuna, bl-isem ta’ Carmelina Fabri (ID Nru 328562 M), (Dok. “MV 2”), liema persuna, nhar it-18 ta’ Jannar 2008, ma kinetx persuna mpjegata minnu, u konsegwentement, ma kienx jaf, bin-notifika tal-imsemmija ittra ufficjali.

“Illi, *in vista* ta’ dan, isegwi ghalhekk ukoll, illi l-imsemmi ammont, lanqas ma huwa titolu esekuttiv fil-konfront tal-esponenti, *ai termini* l-**artikolu 59 subinciz (2) tal-Kap 406 tal-Ligijiet ta’ Malta**, *stante* li l-jumejn kontemplati fl-ismemmi artikolu ghandhom na ddekorrewx.

“Illi, *inoltre,* l-esponenti, kien ikkontesta l-ammont pretiz, mill-Kummissarju tat-Taxxi fuq il-Valur Mizjud, permezz ta’ appell, u ghaldaqstant, qatt ma kellu jinhareg, titolu esekuttiv, fuq l-ammont pretiz fl-imsemmija ittra ufficjali, u konsegwentement il-mandat 1405/2008.

“Ghalhekk, il-mandat ta’ sekwestru esekuttiv numru 1405/2008, huwa msejjes, fuq titolu esekuttiv, ibbazat fuq ittra ufficjali, dwar liema ittra ufficjali, l-esponenti ma kienx jaf bin-notifika taghha, matul il-perijod li huwa seta’ jopponi ghalih, u li t-talba, *in vista* tas-suespost, hija nfondata wkoll fil-mertu.

“Ghaldaqstant, *in vista* tas-suespost, l-esponenti jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti, sabiex tirrevoka t-titolu esekuttiv vantat mill-Kummissarju tat-Taxxa dwar iL-valur Mizjud, permezz tal-ittra ufficjali numru 115/08, fl-ismijiet

premessi, bl-ispejjez kontra l-intimat Kummissarju tat-Taxxa dwar il-Valur Mizjud.

“Rat li dan ir-rikors kien appuntat ghas-smigh ghas-seduta tal-10 ta’ Dicembru 2008.

“Rat ir-risposta tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud datata 27 ta’ Ottubru 2008 a fol. 27 tal-process fejn espona: -

“Illi t-talbiet tal-intimat Martin Vella pro et noe huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda minn din l-Onorabbli Qorti bl-ispejjez kontra l-intimat Vella *pro et noe* ghas-segwenti ragunijiet:-

“1. Illi preliminarjament, ir-rikors tal-intimat Vella *pro et noe* huwa null u bla effett *stante* illi, it-talba sabiex it-titolu ezekuttiv li jgawdi l-esponent fil-konfront tal-intimat *pro et noe* jigi rrevokat, ma tistax tintlaqa’ minhabba li l-attur kellu **fi zmien ghoxrin jum min-notifika** tal-ittra ufficjali jopponi ghat-talba tal-esponent billi jipprezenta rikors li fih jitlob li l-Qorti tiddikjara t-talba bhala wahda nfondata (**art. 466 (2) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta**).

“2. Illi subordinarjament u minghjar pregudizzju ghas-suespost, fil-mertu, anke kieku ghall-grazzja tal-argument, u ghall-grazzja tal-argument biss, wiehed kellu jaccetta l-verzjoni tal-intimat Vella *pro et noe* “*li hu ma kienx jaf bin-notifika*” tal-ittra ufficjali tal-14 ta’ Jannar 2008 (Numru 115/08PA), l-istess intimat *pro et noe* messu gab prova sabiex juri dan. Mhuwiex bizzejjed illi huwa jaghmel semplici dikjarazzjoni sabiex jittanta juri dan. Ta’ min jissottolinea illi ghalkemm l-intimat *pro et noe* jallega illi l-*pink card* abbinata mal-istess ittra uffficjali tindika lil Carmelina Fabri (ID Numru 328562 (M)), dak li hu mportanti, u cioe` kif tifhem il-ligi, hu li r-riferta hija cara u cioe` li nhar it-18 ta’ Jannar 2008 l-intimat Vella *pro et noe* gie notifikat bl-ittra ufficjali tal-14 ta’ Jannar 2008 (Numru 115/08PA). Kwindi in konformita` mal-**artikoli 187** u **188 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta**.

“3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, dwar il-paragrafu 7 tar-rikors tal-intimat Martin Vella *pro et noe*, u cioe` li huwa kien ikkontesta l-ammont pretiz mill-esponent, permezz ta’ appell, jinghad illi ma hemmx kontestazzjoni dwar sitta u tmenin elf, mija u sittin ewro (€86,160) in kwantu ghal hmistax-il elf, tmien mija u tlieta u tmenin ewro (€15,883) taxxa dikjarara u mhux imhallsa, in kwantu ghal hamest elef, tmien mija u sitta u tletin ewro (€5,836) penali peress illi d-denunzja ntbaghtet tard, in kwantu ghal disat elef, erba’ mija u wiehed u erbghin ewro (€9,441) penali peress illi t-taxxa dikjarata ma thalsitx fil-hin u in kwantu ghal hamsa u hamsin elf ewro (€55,000) interessi;

“4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri premessi mil-Ligi.

“Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem din il-Qorti kif hekk presjeduta fejn fis-seduta tat-28 ta’ Jannar 2009 meta ssejhet il-kawza dehru d-difensuri tal-partijiet. Xhedu Lina Fabri, Charles Caruana rapprezentant tal-Kummissarju tal-VAT u Martin Vella. Il-partijiet iddikjaraw li m’ghandhomx iktar provi. Id-difensuri trattaw il-kaz. Il-kawza giet differita ghall-provediment finali ghat-30 ta’ April 2009.

“Rat id-digriet ta’ din il-Qorti fejn il-kawza giet rikjamat ghas-sentenza ghat-28 ta’ April 2009.

“Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

“Rat id-dokumenti esebiti.

“Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

**“II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET.</u>**

“Illi jirrizulta li permezz ta’ din il-procedura r-rikorrenti odjern Martin Vella qed jikkontesta li l-ittra ufficjali datata 14 ta’ Jannar 2008 giet notifikata lilu u dan peress li qed isostni li l-istess dokument gie moghti lil Lina Fabri li dak iz-zmien la kienet impjegata tieghu u lanqas mas-socjeta’

hemm indikata u allura tali notifika tal-imsemija ittra ufficjali hija nulla u bla effett.

“Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-istess ittra ufficjali giet moghtija lill-imsemmija Lina Fabri, li ma hijiex membru tal-familja tar-rikorrenti, u lanqas kienet fil-mument tan-notifika tal-istess ittra impjegata tieghu jew tas-socjeta’ rikorrenti. Fil-fatt jirrizulta li l-imsemmija persuna kienet impjegata ma’ Subway Scuba Diving School mid-data ta’ l-1 ta’ Marzu 2007, u ghalhekk ma jistax jinghad li n-notifika saret f’idejn wiehed mill-persuni ndikati fl-**artikolu 187 (1) tal-Kap. 12,** u ghalhekk in-notifika tal-istess ittra ufficjali hija nulla u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

“Illi f’dan il-kuntest jinghad li l-eccezzjoni tal-intimat il-Kummissarju fuq l-**artikolu 466 (2) tal-Kap. 12** ma tistax tigi accettata peress li tali terminu ma setax jibda jghaddi peress li n-notifika tal-ittra ufficjali kienet nulla. L-eccezzjonijiet l-ohra dwar l-istess notifika qed jigu michuda proprju ghaliex tali notifika ma saritx a bazi tal-ligi.

“Illi fit-tieni lok jirrizulta li l-ammont hemm indikat fl-istess ittra ufficjali kien dak iz-zmien kontestat permezz ta’ proceduri quddiem il-Bord ta’ l-Appelli Dwar it-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud, tant li inghatat decizjoni dwar l-istess biss fl-4 ta’ Dicembru 2008 (fol. 40) mibghuta lir-rikorrenti fit-23 ta’ Dicembru 2008 (fol. 39). B’hekk jirrizulta wkoll li fuq din il-bazi wkoll ma jistax jinghad li l-Kummissarju ghandu jew seta’ jkollu xi titolu esekuttiv skont l-**artikolu 59 tal-Kap. 406** u dan kif gja gie ritenut fid-decizjoni **“Il-Kummissarju tat-Taxxi fuq il-Valur Mizjud vs Vella Martin proprio et nomine”** tat-12 ta’ Settembru 2008 (P.A. (AJM) – fol. 20 – Dok. “MV 3”) li kienu proceduri relattivi ghall-istess ittra ufficjali. L-eccezzjoni tal-Kummissarju dwar dan il-punt qed ukoll jigu michuda.

“Illi ghalhekk it-talba tar-rikorrenti kif kontenuta fir-rikors tieghu tas-16 ta’ Ottubru 2008 qed tigi milqugha.

**“III. <u>KONKLUZJONI.</u>**

“Illi għalhekk għal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tiċħad ir-risposta tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud tas-27 ta’ Ottubru 2008, **tilqa’ t-talba tar-rikorrenti fir-rikors tiegħu datat 16 ta’ Ottubru 2008** b’dan illi tirrevoka t-titolu esekuttiv vantat mill-Kummissarju tat-Taxxa dwar il-Valur Miżjud permezz ta’ l-ittra uffiċjali numru 115/08 fl-ismijiet premessi.

“Bl-ispejjeż kontra l-intimat il-Kummissarju tat-Taxxa dwar il-Valur Miżjud.”

**L-appell tal-intimat Kummissarju tat-Taxxi Fuq il-Valur Miżjud**

2. Illi l-intimat ħassu aggravat bis-sentenza fuq imsemmija u intavola dan l-appell fejn bażikament ressaq żewġ aggravji kontra s-sentenza tal-Ewwel Qorti, u cioe`:-
i. Illi l-ewwel Qorti kienet żbaljata meta kkonkludiet li n-notifika tal-ittra uffiċjali eżekuttiva Numru 115/08 kienet nulla u bla effett għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi;

ii. Illi l-ewwel Qorti kienet in parte żbaljata meta kkunsidrat illi l-ammont pretiż fl-imsemmija ittra uffiċjali kien kontestat permezz ta’ proċeduri quddiem il-Bord tal-Appelli Dwar it-Taxxa Fuq il-Valur Miżjud.

**Ir-risposta tar-rikorrenti appellat**

3. Illi r-rikorrenti appellat jissottometti illi d-deċiżjoni mogħtija mill-ewwel Qorti għandha tiġi konfermata inkwantu:-

i. Illi l-ittra uffiċjali inkwistjoni ġiet notifikata lill-persuna li ma tikkwalifikax taħt il-liġi li tista’ tilqa’ atti ġudizzjarji tiegħu personali jew tal-Kumpanija Morina Aqua Sport Limited u allura tali notifika hija waħda nulla; u

ii. Illi l-ammont pretiż fl-istess ittra uffiċjali kien jinkludi ammont li kien qed jiġi kontestat quddiem il-Bord tal-Appelli u għalhekk kienet korretta l-ewwel Qorti li

ddecidiet li l-appellant ma jistax jghid li kellu xi titolu ezekuttiv fil-konfront tieghu.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

4. Illi permezz ta' din il-procedura l-appellat ipprova jattakka l-ezekuttivita` ta' ittra ufficjali intavolata *ai termini* tal-Artikolu 59 subinciz (2) tal-Kap. 406 tal-Ligijiet ta' Malta, stante li huwa jsostni li l-istess ittra qatt ma giet notifikata regolarment lilu u lill-kumpanija Morina Aqua Sport Limited.

5. Illi mill-atti jirrizulta illi l-imsemmija ittra ufficjali giet notifikata lil certa Lina Fabri li sa Frar 2007 kienet tahdem mal-Kumpanija appellata. Jirrizulta wkoll illi l-imsemmija Lina Fabri fid-data tan-notifika kienet tahdem mal-Kumpanija Subway Scuba Limited li kienet topera bieb ma' bieb mal-fond tal-appellat. Hija tispjega illi peress li qabel ma gie mwilli l-istess negozju, l-appellat kien jezercita n-negozju mill-istess fond, gieli kien jigri li jircievi xi korrispondenza fl-indirizz minn fejn bdiet topera l-Kumpanija Subway Scuba Limited, u hija kienet twarrabhom biex jigborhom l-istess appellat. Xehdet ukoll illi l-appellat kien jghaddi qisu kull gimgha/gimgha u nofs jigbor l-imsemmija posta.

6. Illi *ai termini* tal-Artikolu 187 (1) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex notifika ta' att gudizzjarju tkun wahda valida huwa rikjest li tigi notifikata kopja lis-segwenti persuni:-

- Personalment lill-persuna li ghandha tigi notifikata;

- jew billi dik il-kopja tithalla f'idejn membru tal-familja jew tad-dar jew f'idejn wiehed fis-servizz ta' dik il-persuna jew f'idejn il-prokuratur taghha jew persuna awtorizzata minnha biex tircievi l-posta taghha, fil-lok fejn toqghod jew tahdem jew fil-post tax-xoghol, jew fl-indirizz postali taghha.

7. Illi skont l-Artikolu 187(4) tal-Kap. 12 fil-kaz ta’ notifika ta’ att gudizzjarju lil kumpanija din titqies valida jekk tithalla kopja tal-att fl-ufficcju registrat, fl-ufficcju ewlieni, jew fil-post tan-negozju jew fl-indirizz postali, f'idejn persuna li jkollha r-rapprezentanza guridika ta' dak il-korp, jew segretarju tal-kumpanija, jew persuna ohra awtorizzata bil-miktub[1], jew f’idejn impjegat tal-istess korp.

8. Illi, b’zieda ma’ dan, l-Artikolu 187 (4)(b) tal-Kap. 12 tal-Ligijet ta’ Malta isemmi li tali notifika tista’ ssir f’idejn xi hadd mill-persuni msemmja hawn fuq, ad eccezzjoni tal-impjegat, imma fil-post li l-ligi ssemmi dwar notifika ta’ persuni individwali.

9. Illi jirrizulta illi l-imsemmija Lina Fabri ma hijiex qariba jew persuna fis-servizz tal-appellat jew fis-servizz tas-socjeta` appellata kif rikjest mil-ligi biex hi tkun idoneja li tircievi l-att inkwisjtoni.

10. Illi fil-kors tar-rikors tal-appell tieghu, l-appellant jiccita b’enfasi partikolari l-ahhar tliet linji tal-*proviso* ta’ Artikolu 187 (1) tal-Kap. 12 liema *proviso* jghid li att gudizzjarju ma’ jistax jithalla f’idejn minuri ta’ anqas minn erbatax-il sena jew f’idejn persuna li minhabba mard tal-mohh ma tistax taghti xhieda ta’ dik in-notifika. Pero` l-istess proviso jkompli jghid li jekk tali notifika ssir ma tistax tigi attakkata, ghal wahda minn dawn ir-ragunijiet, jekk jinsab li fil-fatt il-kopja tkun waslet f’idejn il-persuna li lilha kellha tkun innotifikata.

11. Illi l-appellant bhal donnu jrid jaghti x’jifhem illi ladarba l-att gudizzjarju eventwalment spicca f’idejn l-appellat, allura n-notifika kienet wahda valida. Madankollu l-Qorti hija tal-fehma illi l-interpretazzjoni li ghandha tinghata lill-ahhar tlett linji tal-*proviso* hija li dawn jirreferu ghal meta l-att gudizzjarju jigi mqassam lil persuni msemmija fl-istess *proviso* u ghal hadd iktar.

12. Illi l-appellant jargumenta wkoll illi skont hu Lina Fabri kienet awtorizzata mill-appellat sabiex tircievi l-posta

[1] 181(A)(2) Kap. 12.

li kien jircievi fl-indirizz Vista Apartments, Flat 1, Triq il-Korp tal-Pijunieri, San Pawl il-Bahar.

13. Din il-Qorti tirrileva illi minn imkien ma gie ppruvat li kien hemm din it-tip ta' awtorizzazzjoni. L-unika fatt li gie stabbilit kien illi l-ittri li l-appellat jircievi bieb ma' bieb mar-residenza tieghu, minn fejn xi zmien qabel kien jopera l-kumpanija Morina Aqua Sport Limited, kien jghaddi ghalihom kull gimgha/gimgha u nofs. Pero` bl-ebda mod l-appellat ma kien awtorizza lil Lina Fabri sabiex tircievi posta indirizzata fl-indirizz fejn kien joqghod u fejn giet indirizzata l-ittra ufficjali *de quo*.

14. Illi mar-rikors tal-appell tieghu l-appellant ipprezenta wkoll dokumenti rigwardanti l-kumpanija Subway Scuba Limited li maghha tahdem Lina Fabri. Minn qari tal-istess dokumenti jirrizulta illi Subway Scuba Limited fid-data meta gew ipprintjati l-istess dokumenti, u cioe` fil-11 ta' Mejju 2009, kellha bhala diretturi lill-appellat u lil certa Olga Pelshe, filwaqt li l-appellat ghandu sehem wiehed fl-istess kumpanija. Illi apparti l-fatt li din mhix prova sufficjenti dwar min kienu d-Diretturi u l-ishmatarji tal-istess kumpanija fid-data tan-notifika tal-ittra ufficjali *de quo*, kif inhu risaput, kumpanija ghandha personalita` guridika distinta minn dik tal-ishmatarji taghha.

15. Ghalhekk din il-Qorti hija tal-fehma illi anke jekk ghall-grazzja tal-argument l-appellat kien Direttur u ishmatarju tal-kumpanija Subway Scuba Limited, ma jistax jinghad illi Lina Fabri kienet fis-servizz tal-appellat fis-sens li trid il-ligi, u ghaldaqstant anke minn dan l-aspett in-notifika m'hijiex tajba.

16. L-ewwel aggravju ghalhekk qieghed jigi michud.

**Tieni aggravju**

17. Il-Qorti sejra tghaddi biex tezamina t-tieni aggravju tal-appellant fejn issolleva l-fatt li l-appellat qatt ma kkontesta s-somma ta' €86,160 rapprezentanti taxxa dikjarata u mhux imhallsa, penali u interessi. Ghalhekk, skont l-appellant, l-ewwel Qorti kienet zbaljata meta kkunsidrat li l-ammont mitlub fl-ittra ufficjali kien kontestat

permezz ta’ proceduri quddiem il-Bord tal-Appelli Dwar it-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud.

18. Illi mill-atti jirrizulta illi fid-9 ta’ Marzu 2005 l-appellat kien intavola appell quddiem il-Bord tal-Appelli Dwar it-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud. Illi dawn il-proceduri gew fi tmiemhom permezz ta’ decizjoni datata 23 ta’ Dicembru 2008.[2] Illi l-ittra ufficjali *de quo* giet ipprezentata fl-14 ta’ Jannar 2008 u cioe` meta l-appell fuq imsemmi kien ghadu pendenti quddiem il-Bord. Infatti l-istess Bord iddecieda l-appell fis-sens li ordna li d-Dipartiment tal-VAT ghandu jaccetta li jezamina xi dokumentazzjoni li l-appellat odjern kien lest li jipprezenta u li jirrifondi l-Input VAT f’konformita` mal-Ligi.

19. Illi din il-Qorti tirrileva illi dan it-tieni aggravju huwa wiehed fieragh billi meta gie prodott bhala xhud Charles Caruana in rapprezentanza tal-Kummissarju appellant dan stqarr illi l-ammont mertu tal-Appell kien inkluz fl-ittra ufficjali *de quo*.[3] Ghalhekk jirrizulta illi l-appellant kien intempestiv meta pproceda bl-ittra ufficjali *de quo* meta li l-ammont mitlub kien ghadu qed jigi kontestat permezz tal-proceduri appoziti u d-decizjoni kienet ghadha pendenti.

20. Ghaldaqstant dan l-aggravju qieghed jigi wkoll michud.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi din il-Qortii filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata fit-totalita` taghha, tichad l-appell tal-Kummissarju appellant.

Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellant.

[2] A fol. 40
[3] A fol. 52

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------